LOMBARD

***<u>L-Andament ta' Lombard Bank Kif Kien Mistenni</u>***

F'Aħbar tal-Kumpanija maħruġ illum, Lombard Bank Malta p.l.c. avża li l-progress tal-Bank kien diskuss waqt laqgħa ordinarja tal-bord li saret dan l-aħħar. Id-Diretturi rrapurtaw li għadhom sodisfatti bl-andament tal-Bank, kif ukoll tas-sussidjarji tiegħu, u nnutaw li l-*Lombard Group* qed ikompli jimxi lejn tkabbir, b'hekk jibqa' f'pożizzjoni tajba li jilħaq l-għanijiet imfassla għas-sena finanzjarja li tispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2008.

Il-Grupp kien ukoll irraporta qliegħ ta' qabel it-taxxa ta' Euro 7.76 miljun għas-sitt xhur li għalqu fit-30 ta' Ġunju 2008, li jirrappreżenta żieda ta' 60% fuq l-istess perjodu fl-2007. Għall-ewwel darba minn mindu MaltaPost p.l.c. saret sussidjarja tal-Bank f'Settembru 2007, ir-riżultati msemmija kienu jinkludu l-impatt ta' l-andament finanzjarju ta' din is-sussidjarja.

30 ta' Ottubru 2008

**Lombard Bank Malta p.l.c.**
Head Office: 67 Republic Street Valletta Malta • PO Box 584 Valletta CMR 01 Malta
Tel: +356 25581100 • Fax: +356 25581150 • e-mail: mail@lombardmalta.com • www.lombardmalta.com • SWIFT Code: LBMAMTMT
*Licensed to conduct Investment Services Business by the Malta Financial Services Authority • Regulated by the Malta Financial Services Authority & listed on the Malta Stock Exchange*
*Registered Office: 67 Republic Street Valletta Malta • Company Registration Number: C 1607*